MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2009

Numru 606/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**VS**
**DIANE CELESTE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Diane Celeste ta’ 31 sena, imwielda il-Pieta’ fit-30 ta’ Novembru 1972, bint Alfred u Emanuela nee’ Armeni, residenti 140, Flat 7, St. Nicholas Str., Valletta u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 31873(M).

Illi hija akkuzata talli fil-lejl ta’ bejn id-9 ta’ Lulju u l-10 ta’ Lulju 2004 ghall-habta tal-10:30pm minghajr il-hsieb illi toqtol jew tqieghed il-hajja fil-periklu car kkagunat feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mario Celeste minn Valletta liema offiza giet maghmula b’ferita fil-wicc (mohh) ta’ l-istess Mario Celeste aggravat bil-fatt illi sar fuq il-persuna tar-ragel taghha u dana skond ma’ ccertifika Dr. Chris

Spiteri mill-Isptar ta’ San Luqa u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 216 (b) u 222 (1) (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa t-triq Aldo Moro, f’Rahal Gdid, kisret il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat, glied u storbju u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (dd) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti umilment mitluba li barra li tinfliggi l-piena marbuta ma’ dawn ir-reati, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4) u dak ta’ l-imputata (a fol.10) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, b’mod specjali ghax-xhieda ta’ l-Ispettur Malcolm Spiteri, jirrizulta illi fid-9 ta’ Lulju 2004, kien ghamel rapport Mario Celeste, li kien ghaddej minn Triq Dicembru 13, lemah lil martu Diane Celeste, li deherlu li kienet qed titlajja ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni, kien mar ikellimha, inqala’ argument bejniethom u maghtul dan l-argument, Mario Celeste, intlaqat b’gebla f’mohhu.

Mario Celeste kien ipprezenta certifikat mediku, Dok.MS illi huwa certifikat ta’ griehi gravi stante illi kellu lacerazzjoni zghira fuq l-*eyebrow* tal-lemin.

L-Ufficjal Prosekutur xehed illi kienet ittiehdet stqarrija ta’ Diane Celeste u din stqarret illi waqt li kienet qed tiehu l-*patrol* minn pompa tal-*patrol* fi Triq Dicembru 13, kienet iltaqghet mar-ragel taghha u kellhom xi jghidu u hija rnexxcielha tahrab minn fuq il-post u marret tistahba hdejn

il-*Milleneum* fuq in-naha l-ohra tat-triq. Diane Celeste stqarriet illi r-ragel taghha kien segwiha, lahaqha u kien taha xebba b'daqqiet ta' sieq allavolja dak iz-zmien hija kienet incinta. Hija stqarriet illi sabiex tiddefendi ruhha, hija kienet taghtu daqqa ta' gebla f'mohhu.

L-*istatement* ta' l-imputat gie ezebit bhala Dok.MS1 li jinsab a fol.15 et seq.

Diane Celeste stqarret illi l-hajja mizzewga taghha kienet mimlija bi vjolenza domestika u stqarret:

*"Min jaf kemm-il darba spiccajt l-emergenza."* (ara fol.16)

PS 1496 Joseph Muscat ikkonferma r-rapport ta' Mario Celeste u li kkonferma l-verzjoni illi Diane Celeste stqarret fl-*istatement* taghha. Is-Surgent xehed illi l-imputata, dak iz-zmien, kienet tmien (8) xhur tqala, u wkoll gabet certifikat ta' dan l-istat ta' fatt. Is-Surgent xehed illi Mario Celeste, meta dahal jaghmel ir-rapport, kien pjuttost anzjuz. Is-Surgent ezebixxa okkorrenza, Dok.PS a fol.20 et seq.

Mario Celeste xehed illi bejnu u bejn martu, l-imputata, kien hemm separazzjoni u li kienu ilhom erba' (4) snin ma jghixux flimkien u li huwa kien lest li jahfrilha. Mario Celeste xehed illi fi zmien ta' l-incident kienu diga' nbdew proceduri ta' separazzjoni u hu xtaq aktar evidenza fuq il-passi ta' martu. Ghaldaqstant Mario Celeste nizel il-Marsa, sab lil martu vicin *petrol station* u talabha tmur id-dar. Hija hebbet ghalih u taghtu daqqa ta' gebla u ghaldaqstant hu mar l-ghassa jaghmel rapport. Mario Celeste lanqas biss kien cert fuq liema naha ta' wiccu kellu "marka" u fil-fatt, il-Qorti ikkonstatat illi minn tlett (3) piedi 'il bod u inqas, wiehed ma jistax jinnota ebda tip ta' *scarring* hlief ghal zewg (2) *birth marks* li qeghdin fuq in-naha l-ohra tal-wicc. Mario Celeste xehed illi huwa kien jirrikjedi tlett (3) punti. Ikkonferma illi, dak iz-zmien, l-imputata kienet *pregnant*.

Diane Celeste kkonfermat l-istqarrija li hija rrilaxxat mill-Pulizija bil-gurament u kkonfermat illi dak iz-zmien kellha xi seba' (7) xhur tqala.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta, din il-Qorti tifhem illi l-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova, bla dubju dettat mir-raguni, l-akkuza ta' griehi ta' natura gravi fil-konfront ta' l-imputata. Dana qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet. Primarjament, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipproduci t-tabib illi rrilaxxa tali certifikat biex jigi awtentifikat skond il-Ligi. Pero' aktar minn dan, il-Qorti, illi kellha l-opportunita' illi tara lill-kwerelant Mario Celeste fil-pedana tax-xhieda, ma setghet tara ebda cikatrici illi tista', b'xi mod, tikklassifika bhala sfregju. Fil-fatt, il-Qorti sejhet lil Mario Celeste fil-vicin hafna tal-bank tal-gudikanti u minn boghod ta' anqas minn zewg (2) piedi, ma setghetx tindovina fejn suppost kienet din ic-cikatrici. **Tajjeb li jinghad illi tant ma kienx hemm *scarring* illi l-istess Mario Celeste, ma kienx cert fuq liema naha ta' wiccu kienet sehhet din il-gerha**. Illi ghaldaqstant, zgur illi ma jirrizultax l-akkuza ta' griehi ta' natura gravi. Bla dubju ta' xejn, pero', certament jirrizulta griehi ta' natura hafifa. Din, pero', giet pjenament rinunzjata mill-istess Mario Celeste fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Din il-Qorti, pero', ma tistax ma tikkonsidrax l-isfond ta' kif sehhu dawn il-griehi. Dan qieghed jinghad il-ghaliex, kif jirrizulta mill-istqarrija - liema stqarrija giet konfermata bil-gurament mill-istess imputata – Diane Celeste, fi zmien indikat fl-akkuza, kellha seba' (7) xhur gravidanza u giet attakkata minn zewgha, niente di meno, taha diversi daqqiet ta' sieq minkejja l-istat taghha, minghajr ebda temenza ghat-tarbija illi kienet ser titwieled. Din il-Qorti tqis illi Diane Celeste kien diga' rnexxielha tahrab minn idejn zewgha, ftit mumenti qabel dan l-assalt, agixxiet gustament in legittima difeza taghha nnifisha u tat-tarbija

illi kienet qed igorr fil-guf taghha, meta ddefendiet ruhha billi waddbet gebla fid-direzzjoni ta’ zewgha.

Illi, ghal rigward tat-tieni akkuza, din il-Qorti taghraf illi l-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova dwar dan, wisq anqas Mario Celeste, illi ma tefa’ ebda dawl fuq dan l-aspett.

Din il-Qorti, di piu’, ma tistax ma tiddikjarax id-dizaprovazzjoni taghha ghal fatt li ebda proceduri kriminali ma ttiehdu kontra Mario Celeste.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputata, Diane Celeste, mhux hatja ta’ l-ewwel (1) akkuza ghal raguni ta’ legittima difeza, u mhux hatja tat-tieni (2) akkuza fuq nuqqas ta’ provi u tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------